XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 20**
**31 ta' Lulju 2014 fl-5:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-5:00 p.m.

**<u>Preżenti:</u>**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |

**<u>Skuzati</u>**

| | |
|---|---|
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |

**<u>Uffiċjali:</u>**

Sinjura Sue-Ellen Bugeja Segretarju Eżekuttiv

Intqgħalet it-Talba

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 19 kienu tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

2. **<u>Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv</u>**

   Ir-Rapport Annwali Amministrattiv gie imqassam qabel. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li jekk xi hadt għandu diffikulta' tkun prezenti l-accountant tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsilliera prezenti ma kellhomx diffikulta u għalhekk gie approvat.

## 3. Festi tal-Martirju ta' San Gwann Battista

Il-Kunsill qabel li jsiru l-attivitajiet bhal tas-snin ta' qabel fosthom il-ħuggiega, ikla tradizzjonali tal-Għaqda Armar Xewkija bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, Premju Ħidmet iz-zgħazagħ u l-Fun run. Il-kunsill qabel li din is-sena issir ukoll Giochi fil-Pjazza San Gwann Battista. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir in-nar mill-Kumitat Għaqda Dilettanti Nar tax-Xewkija bil-kollaborazzjoni tal-kunsill.

## 4. Progetti fi Gnien ta' Blankas rigward l-fondi

Is-Sindku gibet l-attenzjoni li l-applikazzjoni tal-Eco-Gozo saret mingħajr ma kien hemm permessi neccessarji tal-MEPA. Hu kompla jgħid li l-fondi ser jintilfu peress li l-affarijiet ma kienux lesti mill-bidu. Is-Sindku qal li l-kunsill qed jaħdem biex dawn il-fondi ma jintilfux imma m'hemm l-ebda garanzija fuq il-fondi u jekk dawn jintilfu l-Kunsill ikollu jagħti lura l-fondi li ga ingħata minn qabel.

Dan il-ħin kien hemm prezenti l-kuntrattur Mario Gatt tal-Interpretation Centre fi Gnien ta' Blankas taħt l-iskema Mizura 313. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li hu kien qal lil kuntrattur biex ikun prezenti għal din il-laqgħa biex jkun jista' jispjega l-affarijiet sew ta' kif ingħata x-xogħol. Is-Sindku kompla jgħid li peress li s-Sindku precidenti qatt ma iffirmat l-kuntratt jista' jinqala problemi biex isir il-hlas peress li dawn fondi tal-EU. Is-Sindku informa lil Kunsill li d-Dipartiment għal Gvern lokali u l-Paying Agency huma infurmati bil-kaz. Is-Sindku kompla jgħid li s-Sindku precidenti kienet infurmata diversi drabi biex tiffirma l-kuntratt u sal-lum għada ma iffirmatux. Is-Sindku qal li għandha tagħti ir-ragunijiet għaliex ma tridx tiffirma.

Is-Sindku għamel mistoqsija lil-Kuntrattur kif zvolga l-kaz. Il-Kuntrattur qal li f' Marzu tas-sena 2012 Dr Monica Vella kienet cemplitlu biex jibda x-xoghol immedjatament fuq l-interpretation centre fi Gnien ta' Blankas u kompla jgħid li bdew ix-xogħlijiet u kienu dejjem b'kuntatt mas-Sindku precidenti u l-Perit Lino Bianco waqt ix-xogħlijiet.

## 5. Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa

Mill-korrispondenza

i. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar partecipazzjoni fil-progett pilota – Norway Grants 2009-2014. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju u s-Sindku jipparticipaw f'dan it-tahrig.
ii. Kwotazzjoni mingħand Faces Displays Ltd biex titneħħa l-bus shelter li hemm fi Triq il-Ħamrija peress li ser tinbena dar. Il-Kunsill qabel li din għandha titneħħa. S-Segretarja ser tagħmel kuntatt ma Faces Displays Ltd.
iii. Kwotazzjoni mingħand Ozone ghal PBX gdida fil-Kunsill. Il-Kunsill ser jerggha jiddiskuti aktar il-quddiem fuq din il-kwotazzjoni.
iv. Ittra mingħand Gumsquad rigward kwotazzjoni.
v. Ittra mingħand Go plc rigward kwotazzjoni. Peress li l-Kunsill ga daħal bi ftehim ma' l-Ozone.
vi. Ittra mingħand EDEN dwar laqgħa f'Brussels. Is-Sindku ser jattendi din il-laqgħa

vii. Ittra mingħand d-Dipartimet ghall-Gvern Lokali fuq dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' art fix-Xewkija.
viii. Ittra mingħand l-MEPA fuq tal-Kus.
ix. Full Development permission minghand il-MEPA fuq Ġnien ta' Blankas biex issir il-latrina Pubblika.
x. Ittra mingħand Joe Louis Xiberras dwar il-logħob "Gioci Senza frontieri'. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn l-attivitajiet bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill fil-festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras.
xi. Ittra mingħand Għaqda Armar Xewkija fejn talbu li l-Ikla tal-festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras issir bhal l-imoghoddi bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.
xii. Ittra minghand Ghaqda Dilettanti tan-Nar Xewkija dwar biex isir in-nar bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fil-festa ta' San Gwann Battista. Il-Kunsill qabel li jithallas parti mill-insurance.
xiii. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali fuq laqgħa dwar 'European Mobility Week'. Il-Kunsill qabel li din is-sena mhux ser niehdu sehem.
xiv. Ittra mingħand Europe Direct dwar invit ghall-Kungress fuq l-Ewropa.
xv. Ittra mingħand Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Upgrading tal-Komputers u Makkinarju tal-IT fil-Kunsilli Lokali.
xvi. Ittra mingħand Gozo Diocese dwar stendina
xvii. Memo 20/2014 dwar Kanali tal-ilma
xviii. Ittra mingħand OPM dwar laqgha tal-Kabinett-Għawdex
xix. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Ufficcjali Pubblici li jagħmlu xoghol t'infurzar
xx. Ittra mingħand LCA dwar ftuħ tal-Ufficcji nhar is-Sibt
xxi. Memo 18/2014 dwar Korrispondenza mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali
xxii. Cirkulari AGL Cirk 44/2014
xxiii. Ittra mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Europe for Citizens-Network of Towns
xxiv. Cirkulari AGL Cirk 45/2014 dwar it-tieni kwestjonarju dwar Energija Nadifa
xxv. Ittra mingħand Emcare fuq laqgħa fuq it-Telecare.
xxvi. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar il-'Performance Management u Performance Indicators'.
xxvii. Mistoqsija Parlamentari numru 10375.
xxviii. Mistoqsija Parlamentari numru 10343.
xxix. Mistoqsija Parlamentari numru 9941
xxx. Ittra mingħand Assoċjazzjoni Kunsill Lokali fuq simbolu ġdid għall-aċċesibilta'.
xxxi. Memo 22/2014 fuq Migrazzzjoni għall-akkwist Elettroniku.
xxxii. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar Stedina għar-riċeviment fuq proġett ta' restawr.
xxxiii. Ittra mingħand GAGF dwar M125.
xxxiv. Ittra mingħand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali dwar żieda mal-Memo 21/2014.
xxxv. Memo 21/2014 fuq dokumenti ppreżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill.
xxxvi. Ittra mingħand Kunsill Malti ghall-isport fuq parteċipazzjoni fuq 'European Move Week'.
xxxvii. Ittra mingħand Caremark dwar ftuħ ta' kumpanija ġdida.
xxxviii. Ittra mingħand agenzija ghall-pagamenti fuq Miżura 313.
xxxix. Ittra mingħand ECO-Gozo dwar il-progetti fi Gnien ta' Blankas.
xl. Ittra minghand Regjun Ghawdex dwar Proposta ghall-event tal-Malta Records Ghawdex
xli. Ittra minghand Mr &Mrs D. Boonstoppel-Llemonsu dwar it-traffiku tat-trakkijiet fil-bidu tat-Triq Torri Tingi. Il-Kunsill ser jara fuq dan u jibgħatilha risposta.

## 6. Kontijiet

Il-Kunsilliera prezenti qablu li jitħallas €20,000 fuq il-kont tal-kuntrattur tal-PPP.Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 7. Ilmenti u Suggerimenti

i. Ilment mingħand Il-Kunsillier George Zammit biex titranga tappiera fi Triq Santa Katerina li inkissret bil-karozzi li jolqtuha fuq il-bankini. Il-Kunsill ma jistax jirranga tappieri peress li dawn mhux responsibilita' tal-Kunsill izda ta' sid id-dar.

ii. Ilment mingħand Rita Grima, Triq Canga biex jergghu jinzabhu s-sinjali li hemm quddiem id-dar tagħha. Il-Kunsill ser jerggha jagħmilhom.

iii. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li irceviet diversi ilmenti mingħand ir-residenti fi Triq St. Elizabeth rigward zewg incidenti kbar li saru mar-residenza tal-familja Dingli. Il-Kunsill qabel li jintalbu il-kwotazzjonijiet urgenti għal speed humps u tintgħazel l-orħos waħda qabel issir incident ieħor.

iv. Ilment mingħand Margaret Buttigieg rigward għalqa fi Triq il-Ħgejjeg li mimlija zibel. Il-Kunsill ser jara ta min hi l-għalqa u jinformah itellgha ħajt.

v. Ilment mingħand Joseph Formoza dwar slow fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill ser jara fuq dan.

vi. Ilment mingħand Paul Saliba dwar gebel li hemm fl-area ta' Lambert. Il-Kunsill ser jara rigward dan.

vii. Ilment mingħand Hubert Saliba biex titnehha il-floodlight ħdejn id-dar tiegħu u jsiru tnejn zgħar. Il-Kunsill ser jara mal-kuntrattur tal-bozzoz fuq dan.

viii. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet suggeriment biex isir zebra crossing fi Triq il-Ħamrija kantuniera ma' Triq Santa Katarina u Kantuniera ma' Triq St Elizabetta. Is-Segretarja ser tibgħat din it-talba bil-'customer care' peress li triq artirjali.

ix. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni ukoll li fi Triq l-Indipendenza qed teħel ix-xarabank. Il-Kunsill għandu jara fuq din il-problema.

x. Ilment mingħand Jospeh Grech rigward l-istat ta' Trejqet il-Barrieri. Is-Sindku għandu jmur jara fuq il-post mal-Perit Portelli.

xi. Suggeriment minghand il-Kunsillier Domenic Zerafa dwar bozza gdida fi Triq Chev.L.Z. Haber quddiem ir-residenza ta John Haber. Il-Kunsill ser jara fuq dan u timtela l-applikazzjoni.

xii. Il-Kunsillier Domenic Zerafa gibet l-attenzjoni li fl-area ta' Gokk nizlet it-Triq u qed jidħol l-ilma lil John Azzopardi. Il-Kunsill ser jagħmel kuntatt mal-Perit fuq dan.

**8. Affarijiet Oħra**

i. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li l-Kuntratt tal-Knis skada u għandu bzonn jerggha jiggeded għal sitt xhur oħra. Il-Kunsill ser jieħu decizjoni fil-laqgħa li gejja biex jitkellmu mal-kuntrattur rigward l-indafa. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni li hi ma issibx diffikulta li jiggeded il-kuntratt sakemm il-kuntrattur inehhi il-haxxix li hemm go diversi toroq.

ii. Is-Sindku qal li ingabru kwotazzjonijiet biex jinbnew ħitan tas-sejjieh fl-area ta' Lambert mill-fondi tal-Eco-Gozo. Kien hemm tlett kwotazzjonijiet. Il-Kwotazzjonijiet kienu ta' Donald Pace, Nicky Saliba u Simon Sultana. Il-Kunsill għazel l-orħos waħda ta' Donald Pace.

iii. Il-Kunsillier Dominic Zerafa gibdet l-attenzjoni li hemm bzonn jigu ordnati 'sympathy cards godda'. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarja informat li hemm bzonn ukoll jigu ordnati għax l-anqas baqa wisq minn ta' qabel. Is-Segretarja ser tordna dawn.

iv. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard regget gibdet l-attenzjoni li jkun sew kieku minflok il-mobile toilets li hemm wara l-knisja jingħata servizz mill-Kazin u c-Centru li hemm fil-Pjazza. Il-Kunsill ser jagħmel kuntatt mal-persuni koncernati u nieħdu parir mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali tistax issir.

v. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni li fil-child day care centre tas-sajf hemm bzonn ta' facilitator. Il-Kunsilliera prezenti qablu.

vi. Il-Kunsillier Dominic Zerafa issugerixxa li Triq il-Mitħna issir parking naħa waħda minħabba biex ma jeħelx it-traffiku. Il-Kunsill qabel u għandu jara fuq dan mal-Perit u TM.

vii. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li peress li daqt tibda l-iskola aħjar jingabru kwotazzjonijiet għal mini bus ta' l-iskola. Il-Kunsill ser jigbor il-kwotazzjonijiet. Hi kompliet tgħid li jkun sew kieku fil-librerija jibdew story telling għat-tfal u anke xi korsijiet tad-drama għat-tfal fic-centru. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ser tagħmel kuntatt mal-persuni koncernati. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit li fuq talba ta' l-anzjani issir ħarga fil-vicin għal Malta. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ser tigi l-Kunsill tgħin għal din l-attivita'.

viii. Il-Kunsilliera prezenti Jeanelle Attard, Domenic Zerafa u Paul Azzopardi infurmaw lis-Segretarja li d-dokumenti m'hemmx bzonn ta' hard copy għalihom izda b'e-mail bizzejjed biex jitnaqqas l-uzu tal-karti.

ix. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li rigward il-gemillagg intbghatet e-mail Brussels fejn tlabna jistax isir extension min naħa tagħhom. Il-Kunsill gie mitlub biex jibgħat id-dati proposti meta ser issir il-gemillagg ezatt. Is-Sindku informa li qed nistennew minn Pachino biex jibatu d-dati biex inkunu nistgħu navzaw Brussels.

x. Il-Kunsilliera prezenti kollha qablu li parti minn Triq St katarina għandha issir one way fuq talba ta' aktar residenti. Il-Perit ser jigi mitlub jagħmel site plan biex tintbgħat TM għal l-approvazzjoni.

## 9. <u>Tmiem il-Laqgħa</u>

Il-Laqgħa giet aggornata fis-8:00 p.m.

Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Eżekuttiv

Paul Azzopardi
Sindku